**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 18 ta' Mejju, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 439/2018 AF**

**Jefpet Limited**

**vs**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetà attriċi Jefpet Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Permezz ta' kuntratt ricevut min-Nutar Pubbliku Malcolm Mangion fl-24 ta' Lulju tas-sena 2008, il-Bank konvenut ikkonceda facilità ta' self lill-attrici ghall-iskop dikjarat fl-imsemmi kuntratt.

Permezz ta' kuntratt iehor ricevut min-Nutar Pubbliku Malcolm Mangion fil-25 ta' Lulju tas-sena 2008, il-Bank konvenut ikkonceda facilitajiet ta' kreditu bankarju ulterjuri lill-attrici, u dan kif miftiehem permezz tal-iskrittura privata tat-28 ta' Marzu tas-sena 2008.

L-attrici ma hallsitx lill-Bank il-kreditu tieghu, tant li l-istess attrici ikkostitwiet ruhha debitrici versu l-Bank konvenut kemm permezz ta' kuntratt ricevut min-Nutar Pubbliku Carmel Mangion tad-19 ta' Jannar tas-sena 2010 kif ukoll permezz ta' kuntratt iehor ricevut mill-istess Nutar Pubbliku fit-30 ta' April tas-sena 2014.

L-attrici saret taf illi l-Bank konvenut dahal f'weghda ta' cessjoni dwar il-kreditu tieghu maghha ma' terz u dan in virtù ta' skrittura privata li giet datata 9 ta' Jannar tas-sena 2018, minghajr il-kunsens jew approvazzjoni tal-attrici.

Kif jirrizulta mill-istess skrittura privata kif ukoll mill-premess kollu, id-dejn dovut mill-attrici huwa konsistenti minn numru ta' akkonti bankarji ta' entità diversa, li però huma kkunsidrati u meqjusa flimkien fl-istess skrittura privata bhala kreditu wiehed u uniku (minn hawn 'l quddiem imsejjah "il-Kreditu").

Fl-istess skrittura privata, il-Bank konvenut intrabat, precizament permezz tal-paragrafu enumerat 11, illi ma jaccetta ebda hlas akkont tal-kreditu formanti l-oggett tal-weghda ta' cessjoni, u kwindi lanqas jekk tali hlas akkont tal-kreditu kif imfisser f'din l-iskrittura privata jkun jikkostitwixxi hlas shih ta'

wiehed mill-akkonti bankarji li minnu huwa kompost l-istess Kreditu.

Dan huwa bi hsara u bi pregudizzju ghad-drittijiet tal-attrici, in kwantu d-dejn taghha versu l-Bank konvenut huwa kompost minn diversi akkonti bankarji, u kull wiehed minn dawn l-akkonti bankarji huwa suxxettibbli ghall-hlas ghas-saldu b'mod separat u awtonomu mill-hlas tal-akkonti bankarji l-ohrajn. B'konsegwenza tal-fatt li l-Bank konvenut intrabat li ma jaccettax hlas "*on account of the Credit*", l-attrici qed tigi pprivata mid-dritt li thallas ghas-saldu dawk l-akkonti bankarji individwali li huma komprizi fil-Kreditu, bil-konsegwenzjali dekorrenza t'imghaxijiet addizzjonali, u dan bi pregudizzju tad-drittijiet taghha.

Barra minn hekk, bic-cessjoni tal-Kreditu lil dan it-terz injot, il-Bank konvenut sejjer ibiddel b'mod irrimedjabbli n-natura tad-debitu dovut mill-attrici, li sal-lum huwa konsistenti minn numru t'akkonti bankarji li huma deskritti dettaljament fl-iskrittura privata li qed tigi annessa bhala Dok. A.

Jekk il-Kreditu jigi trasferit lil terz, dan id-dejn ma jistax legalment jibqa' jezisti bhala akkonti bankarji, ghaliex hija biss istituzzjoni ta' kreditu debitament licenzjata mill-awtoritajiet pubblici kompetenti li tista' zzomm u tiggestixxi akkonti bankarji. La darba t-terz li mieghu l-Bank konvenut intrabat mhuwiex istituzzjoni ta' kreditu ossia Bank, mela ma jistax izomm akkonti bankarji, u dan se jincidi b'mod irreparabbli fuq id-drittijiet tal-attrici.

L-attrici talbet il-hrug ta' mandat t'inibizzjoni fil-konfront tal-Bank konvenut permezz tar-rikors bin-numru 512/2018 JPG, liema talba giet milqugha b'digriet tat-30 ta' April tas-sena 2018 u b'hekk il-Bank konvenut gie mizmum milli "*jezegwixxi, jenforza jew fi kwalsiasi mod iwettaq il-weghda ta' cessjoni ta' jeddijiet maghmula permezz tal-iskrittura privata datata 9 ta' Jannar tas-sena 2018*".

Ghalhekk qed issir din il-kawza.

Geoffrey Montebello, debitament awtorizzat jirrapprezenta lill-attrici fi proceduri gudizzjarji, jikkonferma li jaf bil-fatti fuq premessi personalment.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-weghda ta' cessjoni konkluza mill-Bank konvenut permezz ta' skrittura privata tad-9 ta' Jannar tas-sena 2018, u t-twettiq u l-ezekuzzjoni taghha, tikser id-drittijiet tal-attrici billi l-attrici se tigi pprivata mid-dritt li thallas ghas-saldu dawk l-akkonti bankarji individwali li huma komprizi fil-Kreditu, kif ukoll billi se twassal ghall-iznaturar tal-Kreditu dovut mill-attrici lill-Bank konvenut, senjatament ghaliex ic-cessjonarju promettent mhuwiex istituzzjoni ta' kreditu, finanzjarja jew bankarja licenzjata mill-awtorità kompetenti.

2. Tannulla, thassar u tirrexxindi, occorrendo previa l-hatra ta' Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun u kuraturi sabiex jirrapprezentaw lil kull eventwali kontumaci, kemm l-iskrittura privata tad-9 ta' Jannar tas-sena 2018 konkluza bejn il-Bank u terz.

u dan prevja kull provvediment jew dikjarazzjoni ohra li lilha jkunu jidhrulha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tar-rapprezentanti tal-konvenuta fi proceduri gudizzjarji.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-bank konvenut HSBC Bank Malta p.l.c., li permezz tagħha eċċepixxa illi:

It-talbiet tal-attrici ghandhom jigu michuda stante li l-weghda ta' cessjoni konkluza mill-Bank esponenti tad-9 ta' Jannar 2018 saret validament ai termini u fil-parametri tal-artikolu 1469 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u in linea mad-drittijiet illi l-Bank ghandu bhala kreditur ta' Jefpet.

Subordinatament, safejn it-talbiet tal-attrici huma msejsa fuq l-allegazzjoni illi hija ghandha d-dritt thallas ghas-saldu b'mod separat u awtonomu d-diversi akkonti bankarji li ghandha, din il-posizzjoni hija legalment u fattwalment zbaljata. L-attrici stess irrikonoxxiet u ammettiet id-debitu taghha lejn il-Bank f'zewg kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu (annessi bhala Dok. HSBC 1 u 2), u ghalhekk id-dejn ghandu jitqies b'mod komplessiv. F'kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke li kieku l-attrici kellha ragun, dan ma jwassalx ghall-invalidità tal-weghda ta' cessjoni fl-intier taghha izda semmai biss fir-rigward ta' dik il-klawsola partikolari.

Subordinatament, huwa nfondat ukoll l-argument illi ma jistax isir trasferiment tal-kreditu mill-Bank hlief lil istituzzjoni finanzjarja sabiex "ma tinbidilx in-natura tal-kreditu" – dan minkejja, li l-kreditu gie likwidat u llum jitqiesu titlu ezekuttiv ghal finijiet kollha tal-Ligi. Dan ghaliex fejn jidhol id-dritt ta' kreditur li jcedi l-kreditu tieghu, il-ligi stess ma taghmel ebda distinzjoni bejn bank, istituzzjoni finanzjarja jew kwalunkwe kreditur iehor.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-bank konvenut isostni illi t-talbiet tal-attrici huma ghal kollox frivoli u vessatorji, u dan ghaliex minkejja l-argumenti li qed jingiebu, l-attrici kellha kull cans f'dawn l-ahhar snin illi twettaq l-obbligi taghha u thallas imqar parti mid-debitu taghha, izda dan m'ghamlitux u kienet aktar hsiebha biex tostakola b'kull mod l-attentati tal-Bank li jithallas l-ammont plurimiljunarju dovut lilu.

Salv eccezzjonijiet ohra permessibbli mil-ligi.

Bl-ispejjez.

Il-Bank konvenut dahal f'weghda ta' cessjoni ta' kreditu ai termini tal-artikolu 1469 tal-Kap. 16 sabiex jittrasferixxi lil terz id-dejn dovut lilu minn Jefpet Limited.

Id-dejn originarjament inholoq meta Jefpet Limited kienet inghatat mill-Bank HSBC facilitajiet ta' self fis-somma ta' €9,320,000 ghal xiri ta' firxa ta' art f'Wied il-Ghajn (fejn hemm dak li fadal mill-Jerma Hotel).

L-attrici naqset li tonora l-obbligi kuntrattwali taghha mal-Bank tant li bis-sahha ta' kuntratt pubbliku tad-19 ta' Jannar, 2010, Jefpet Limited ikkostitwiet ruhha debitrici certa u likwida tal-Bank esponenti fis-somma ta' disa' miljun tmien mija u tnejn u disghin elf u sbatax-il Ewro u sebgha u sittin centezmu (€9,892,017.67), liema kuntratt il-Bank irrenda ezekuttiv bis-sahha ta' ittra uficcjali tal-5 ta' April, 2011.

B'kuntratt pubbliku iehor tat-30 ta' April 2014, Jefpet ikkostitwiet ruhha bhala debitrici certa u likwida tal-Bank fis-somma ta' tlettax-il miljun disa' mija u wiehed u disghin elf, mija u erbgha u sebghin Ewro u dsatax-il centezmu (€13,991,174.19).

L-ammont dovut qieghed dejjem jizdied minhabba imghaxijiet li ddekorrew.

Il-weghda ta' cessjoni ta' kreditu tirreferi ghal ammonti ammessi u dovuti mill-attrici ai termini tal-kuntratti msemmija u tinkwadra fid-drittijiet illi ghandu l-Bank *qua* kreditur tal-attrici.

Subordinatament, safejn it-talbiet tal-attrici huma msejsa fuq l-allegazzjoni illi hija ghandha d-dritt thallas ghas-saldu b'mod separat u awtonomu id-diversi akkont bankarji li ghandha, din il-posizzjoni hija legalment u fattwalment zbaljata.

Jidher illi l-attrici qed tilmenta minn klawsola fil-kuntratt ta' cessjoni fejn il-Bank iddikjara illi mhux sejjer jircievi pagament akkont tad-dejn;  L-attrici min-naha taghha ssostni li huwa d-dritt taghha illi zzomm il-kreditu "maqsum" f'kontijiet separati b'dan li hija tkun tista' thallas ghas-saldu ta' kontijiet individwali.

L-eccipjenti tinnota li ghalkemm Jefpet Limited targumenta illi hija ghandha akkonti differenti mal-Bank, il-kreditu jibqa' wiehed totali dovut minn Jefpet Limited lill-Bank HSBC.  Mela japplika l-principju stabbilit fl-Artiklu 1156 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sens illi anke jekk koncettwalment "id-dejn ikun li jista' jinqasam", il-Bank ghandu kull dritt illi jinsisti fuq hlas assaldu tal-kreditu shih.

F'dan ir-rigward, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Bank itenni illi l-kreditu totali dovut lilu gie sahansitra rikonoxxut mill-attrici stess f'zewg kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu u ghalhekk id-dejn ghandu jitqies b'mod komplessiv. Ghalhekk, kienet proprju Jefpet stess illi accettat illi l-ammonti dovuti – *dato ma non concesso* li jirreferu ghal kontijiet differenti – setghu jitqieghdu f'"qoffa wahda" jew debitu wiehed. It-tezi tar-rikorrenti illi l-kreditu ghandu jinqasam f'kontijiet separati hija biss wahda ta' konvenjenza.

F'kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke li kieku l-attrici kellha ragun, dan ma jwassalx ghall-invalidità tal-weghda ta' cessjoni izda semmai biss tal-artiklu li qed tilmenta minnu l-attrici.

Subordinatament, huwa nfondat ukoll l-argument illi Bank ma jistax jittrasferixxi kreditu tieghu hlief lill-istituzzjoni finanzjarja sabiex "ma tinbidilx in-natura tieghu". Dan ghaliex fejn jidhol id-dritt ta' kreditur li jassenja l-kreditu jew titolu ezekuttiv tieghu, l-ligi stess ma taghmel ebda distinzjoni bejn bank, istituzzjoni finanzjarja jew kwalunkwe kreditur iehor.

Il-Bank huwa naturalment konxju ta' dak li ddecidiet il-Qorti fil-mandat ta' inibizzjoni; madanakollu, jsostni, bir-rispett, illi l-posizzjoni espressa fid-digriet hija legalment inkorretta u, f'kull kaz, hija decizjoni fuq bazi prima facie illi ma torbotx lil din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-bank konvenut isostni illi t-talbiet tal-attrici huma ghal kollox frivoli u vessatorji, u dan ghaliex minkejja l-argumenti li qed jingiebu, l-attrici kellha kull cans f'dawn l-ahhar tmien snin illi twettaq l-obbligi taghha u tindirizza d-debitu taghha b'kwalsiasi mod, izda dan m'ghamlitux u kienet aktar hsiebha biex tostakola b'kull mod l-attentati tal-Bank li jithallas l-ammont plurimiljunarju dovut lilu.

Kif se jintwera fil-mori tal-proceduri, din hija biss wahda mid-diversi proceduri miftuha mill-attrici biex tipprova tfixkel lill-Bank fl-enfurzar tat-titolu ezekuttiv tieghu.

Ghaldaqstant ai termini tal-Artikolu 158(3)(c) tal-Kapitolu 12, u fid-dawl tas-suespost, jigi dikjarat illi l-fatti kif dikjarati minn Jefpet Limited huma kontestati u jehtieg illi jigu ppruvati.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat l-eċċezzjoni ulterjuri tal-Bank konvenut HSBC Bank Malta p.l.c., li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Permezz taghha, u in linea ma' dak premess fir-rikors tal-esponenti tal-14 ta' Frar 2019 u in vista tal-fatt illi l-konvenju mertu ta' dawn il-proceduri m'ghadux *in vigore* stante li skada, tecepixxi s-segwenti:

*Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante illi l-mertu huwa ormai ezawrit, wara l-iskadenza tat-terminu tal-validità tal-weghda ta' cessjoni mertu ta' dawn il-proceduri.*

Bl-ispejjez.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet dwar l-eċċezzjoni ulterjuri tal-bank konvenut.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni ulterjuri tal-bank konvenut

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat li l-kawża tirrigwarda wegħda ta' ċessjoni ta' kreditu li saret permezz ta' skrittura tad-9 ta' Jannar 2018 fejn il-bank konvenut obbliga ruħu li jċedi favur terz il-kreditu tiegħu fil-konfront tas-soċjetà attriċi. L-attriċi tgħid illi kieku kellu jseħħ il-kuntratt finali, iċ-ċessjoni ta' kreditu tkun ta' ħsara u preġudizzju għaliha. Madanakollu, fil-mori tal-kawża skada t-terminu ta' validità ta' din il-wegħda u allura l-bank konvenut qiegħed jeċċepixxi li l-mertu tal-kawża huwa eżawrit u li għaldaqstant l-attriċi m'għadx għandha l-interess ġuridiku meħtieġ biex tkompli b'din il-kawża. Id-deċiżjoni tal-lum hija limitata għal din l-eċċezzjoni.

Bejn il-partijiet hemm qbil illi l-wegħda ta' ċessjoni skadiet, u li l-ebda parti fuq dik l-iskrittura ma ħadet passi sabiex iġġedded l-effetti tagħha. Fis-sottomissjonijiet tagħha l-attriċi tgħid li taqbel illi '*dan l-iżvilupp iwassal għall-eżawriment tat-tieni talba, billi mhux meħtieġ aktar li dik l-istess wegħda ta' ċessjoni tiġi annullata, mħassra jew rexxissa, ġaladarba diġa hija mingħajr effett*'. Madanakollu, hija tinsisti li għad għandha l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex tkompli b'din il-kawża għal dak li għandu x'jaqsam mal-ewwel talba tagħha stante li l-mertu tal-ewwel talba mhuwiex eżawrit.

In linea ta' prinċipju ġenerali, din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ fl-ismijiet Joseph Agius vs AIC Joseph Ellul Vincenti et, tal-21 ta' Ottubru 2002, qalet hekk:

> "*Dwar l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenut "hija gurisprudenza kostanti li relazzjoni imprexindibbli ta' kull azzjoni hu l-interess f'min jipproponiha" ("***Ignazio Gatt -vs- Michael Debono et***" - App. Civ. 12 ta' Dicembru 1983). Ghalkemm mhux definit fil-ligi taghna huwa pacifiku fid-dritt gudizzjarju civili li l-interess hu l-mizura ta' l-azzjoni (***Vol. XXXVII P II p 608***), u li r-rekwizit ta' l-interess hu indispensabbli ghal proponibilità tad-domandi fi kwalunkwe sede tal-gurisdizzjoni kontenzjuza (***Vol. XXVII P I p 507***). L-interess ghalhekk hu l-bazi ta' l-azzjoni (***Vol. XXIX P I p 891***) u kwindi ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess (***Vol. XXX P I p 317***);*
>
> *L-interess li jrid ikun jezisti fl-attur huwa interess dirett, legittimu u attwali. Huwa biss ir-relazzjoni ghar-rizultanzi utli li l-attur jippremetti lilu innfisu bl-azzjoni (***Vol. XXV P I p 250***) li l-Qorti tista' tara jekk huwa ghandux dak l-interess li l-konvenut jikkontestalu ("Robert* ***Butler -vs- Lt. Col. John Philip d'Estoteville Shipwith****" - Prim'Awla, Qorti Civili 18 ta' Marzu 1964 per Imh. M. Caruana Curran). Dan ifisser illi biex wiehed jipproponi domanda f'gudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bzonn li d-domanda ggiblu rizultat utli (***Vol. XXXVII P I p 56***), b'mod li jekk l-azzjoni ma twassalx biex tipproduci tali rizultat ghal min*

*jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi (**Vol. XXXVII P II p 605**);*

*Fuq dan l-kuncett tar-rizultat vantaggjuz jew utli, gie hekk osservat:-*

*"Is-semplici terminu 'interess' li jirrikorri fil-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili, per ezempju fl-Artikoli 236, 806 jew inkella 906, gie fil-gurisprudenza kwalifikat bhala 'interess guridiku' u din l-addizzjoni, intiza biex tippreciza l-kuncett, fir-realtà kkomplikatu. Certament però l-ewwel u l-aqwa interess guridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna ghandha jigifieri li titlob li fil-konfront taghha ssir gustizzja jew inkella li tikkoregi ngustizzja kommessa fil-konfront taghha. Dejjem fil-kamp tad-dritt privat; fil-kazijiet konformi biss fil-kamp tad-dritt pubbliku;"*

Fis-sentenza fl-ismijiet Agatha sive Agathina Formosa Gauci vs Avukat Dottor Francis Lanfranco et, deciza fit-28 ta' Novembru 2003, il-Qorti tal-Appell elenkat il-principji li jirrizultaw mill-gurisprudenza citata mill-Ewwel Qorti li, fil-fehma tagħha, għandhom iservu ta' gwida li fuqhom għandha timxi Qorti biex tirrizolvi eccezzjoni ta' din ix-xorta. Dawn il-principji huma s-segwenti:

(i) *"l-interess (guridiku) meħtieg irid ikun wieħed dirett, legittimu, kif ukoll attwali;*

(ii) *l-istat attwali ta' ksur ta' jedd jikkonsisti f'kundizzjoni pożittiva jew negattiva li xxejjen jew tinnewtralizza dritt li jkun jappartjeni lid-detentur jew lil dak li lilu jkun mistħoqq;*

(iii) *l-interess uridiku fl-attur huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta li jagħraf il-jedd ta' l-istess attur u dan billi kull persuna għandha d-dritt titlob li, fil-konfront tagħha, isir ħaqq jew tiġi msewwija inġustizzja li tkun ġiet magħmulha kontriha;*

(iv) *l-interess guridiku irid ikun iwassal għal rizultat ta' utilità u vantagg għal min irid jezercita l-jedd. Jekk l-azzjoni*

*ma tistax twassal għal tali rizultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi;*

(v) *l-interess guridiku jrid jibqa' jissussisti matul il-ħajja kollha ta' l-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha. Jekk l-interess jintemm, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imħarrek jinħeles milli jibqa' fil-kawża;*

(vi) *l-interess ta' l-attur għandu jkun jidher mill-att taċ-ċitazzjoni nnifisha. Għalkemm il-mottiv ta' l-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fiċ-ċitazzjoni, dan għandu jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kkuntrastat;*

(vii) *fil-prattika gudizzjarja, wieħed jista' jippromuovi kawza biex jikseb dikjarazzjoni preordinata għal azzjoni definittiva u aħħarija, minkejja li din ma tkunx giet inkluza fl-azzjoni ta' aċċertament. Madankollu, f'każ bħal dan, il-Qorti trid tkun soddisfatta li jkun hemm l-interess meħtieġ, anki preordinat għall-kawża l-oħra, u li d-dikjarazzjoni hekk miksuba tkun tifforma l-bażi tal-kawża l-oħra li tista' ssir aktar 'l quddiem;*

(viii) *l-interess mhux bilfors ikun wieħed li jiġi kkwantifikat f'somma determinata ta' flus jew ġid, imma jista' jkun imsejjes biex iħares jew jagħti għarfien għal jedd morali jew soġġettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku;*

(ix) *jekk azzjoni, għalkemm tkun imsejsa fuq jedd ta' l-attur, tkun maħsuba biss biex tirreka ħsara lill-imħarrek bla ebda vantaġġ utli lill-attur tali azzjoni titqies bħala waħda illegali – azzjoni magħrufa fid-duttrina bħala waħda acta ad aemulationem – u titqies li fiha jkun jonqos l-interess guridiku meħtieg."*

Id-definizzjoni aċċettata hija li l-interess ġuridiku huwa '*l'utilità finale della domanda gudiziale nel tema dell'asserita ezistenza o violazione del diritto*'. Jekk l-azzjoni tkun inkapaċi li tipproduċi riżultat vantaġġjuż jew utili għal min jipproponiha jew jekk ir-riżultat, jew sentenza, ma jkunx jista' jiġi usufrwit, dik l-azzjoni

ma tistax tiġi protetta (Vol LXXVI p2 p 247). L-interess ġuridiku irid jissussisti matul il-ħajja tal-azzjoni għaliex jekk tali interess jiġi nieqes, il-kawża ma tkunx tista' tissokta (Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard u Albert Calleja vs Orazio Micallef, deċiżi mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Frar 1993 u fl-1 ta' April 1992 rispettivament).

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum, il-Qorti tqis illi anke għal dak li għandu x'jaqsam mal-ewwel talba, il-mertu huwa eżawrit u l-attriċi m'għandhiex l-interess ġuridiku meħtieġ biex tkompli b'din il-kawża għaliex iċ-ċessjoni ta' kreditu li riedet tattakka b'dawn il-proċeduri mhuwiex ser iseħħ.

L-attriċi targumenta li hija għandha l-interess meħtieġ biex tkompli l-kawża dwar l-ewwel talba tagħha stante li hija qiegħda titlob lill-Qorti tiddikjara li l-wegħda ta' ċessjoni innifisha saret bi ksur tad-drittijiet tagħha u allura l-fatt illi dik il-wegħda llum spiċċat ma jibdel xejn. Iżda dan mhuwiex minnu. Permezz tal-ewwel talba tagħha, l-attriċi qiegħda titlob lill-Qorti ssib illi l-wegħda ta' ċessjoni kif ukoll **<u>it-twettiq u l-eżekuzzjoni tagħha</u>** jiksru d-drittijiet tagħha peress illi '*ser tiġi ipprivata mid-dritt li tħallas għas-saldu dawk l-akkonti bankarji individwali li huma kompriżi fil-Kreditu, kif ukoll billi se twassal għall-iżnaturar tal-Kreditu dovut mill-attriċi lill-Bank konvenut...*'

Isegwi għalhekk illi ladarba dik il-wegħda ta' ċessjoni skadiet u ċ-ċessjoni tal-kreditu mhuwiex ser isir, id-drittijiet tal-attriċi mhumiex ser jiġu mittiefsa fiċ-ċirkostanzi partikolari li dwarhom saret din il-kawża. Il-Qorti ma tistax tikkunsidra l-ewwel talba attriċi fl-arja mingħajr ma jittieħed qies tal-kuntest illi fiha saret dik it-talba.

L-attriċi bħal donnha trid illi l-Qorti tiddeċiedi l-ewwel talba tagħha sabiex iżżomm lill-bank konvenut milli jerġa jiffirma xi skrittura simili. Iżda kif sewwa jissottometti l-bank konvenut, it-talbiet attriċi mhumiex wiesgħa biżżejjed sabiex il-Qorti tidħol fil-mertu tal-kwistjoni dwar jekk il-bank kellux dritt illi jiffirma wegħda ta' ċessjoni għaliex it-talbiet attriċi huma marbuta ma' skrittura partikolari u fi kwalunkwe każ, din il-kunsiderazzjoni li tkun qiegħda tagħmel il-Qorti tkun biss waħda ipotetika u

akkademika u ma twassalx għall-*utilità del gudizio* li trid il-ġurisprudenza.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri tal-bank konvenut u għaldaqstant tiddikjara l-mertu eżawrit u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mis-soċjetà attriċi.

IMHALLEF

DEP/REG